# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1018/2009/1FDP**

**Emanuel Farrugia u martu Margaret Farrugia**

**v.**

**Mario Magri**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-konvenut Mario Magri minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar il-11 ta' Ġunju, 2020, li permezz tagħha: (i) iddikjarat lill-konvenut responsabbli tal-mewt ta' Adolf Farrugia (iben l-atturi) li miet fit-22 ta' Awwissu, 1999 minħabba nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti meta

għaddielu d-droga; (ii) illikwidat id-danni mġarrba mill-atturi minħabba fil-mewt ta’ binhom fl-ammont ta’ €160,000; (iii) ikkundannat lill-konvenut iħallas l-ammont likwidat; (iv) bl-imgħax jitlaq mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż ibatihom il-konvenut.

**Daħla**

2. Illi permezz ta’ rikors maħluf imressaq nhar it-23 ta’ Ottubru, 2009 l-atturi fissru li huma l-ġenituri tal-mejjet Adolf Farrugia, li twieled fis-6 ta' Ġunju 1978 u li ġie nieqes fit-22 ta’ Awwissu 1999. Jgħidu li binhom miet intestat.

3. Jissoktaw jgħidu li l-konvenut ġie ddikjarat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Appell Kriminali, permezz ta' sentenza tas-6 ta’ Mejju 2009, talli kkaġuna l-mewt ta’ binhom, u dan meta pprokuralu sustanza abbużiva konsistenti fi droga eroina.

4. L-atturi jgħidu li b’konsegwenza tal-mewt ta' binhom, fil-kwalità tagħhom ta’ eredi tiegħu, ġarrbu u qegħdin iġarrbu danni. Jisħqu li l-konvenut waħdu huwa responsabbli għal dawn id-danni u li għalkemm sejħulu sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni mġarrba minnhom, huwa baqa’ inadempjenti.

5. Għalhekk l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Tiddikjara lill-konvenut intimat unikament responsabbli għall-mewt ta' Adolf Farrugia, li ġie nieqes fit-22 ta' Awwissu 1999, u dan meta pprokuralu sustanza abbużiva konsistenti fi droga eroina.*
*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi rikorrenti b'konsegwenza tal-mewt ta' binhom Adolf Farrugia, okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi.*
*3. Tikkundanna lill-konvenut intimat iħallas lill-atturi rikorrenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti. Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali datata 10 ta' Novembru 2006, u bl-imgħax legali, kontra l-intimat inġunt għas-subizzjoni.»*

6. Il-konvenut ressaq ir-risposta maħlufa tiegħu fl-14 ta' Diċembru, 2009 li permezz tagħha eċċepixxa illi:

*«1. Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-azzjoni u t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini tal-Art. 2154 tal-Kodici Ċivili ta' Malta (Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta);*
*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jispetta lir-rikorrenti jippruvaw li huma l-uniċi eredi tad-de cuius Adolf Farrugia u li kwindi setgħu jipprospettaw l-azzjoni de quo kif proposta u fil-vesti kif proposta;*
*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-intimat mhux responsabbli għal mewt tad-de cuius Adolf Farrugia;*
*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorrenti ma sofrew l-ebda danni u għalhekk ma hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati;*
*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost f'każ li r-rikorrenti sofrew xi danni, dawn ma humiex imputabbli lill-intimat u għalhekk l-intimat ma jistax jiġi kkundannat iħallas xi danni lir-rikorrenti;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

7. B'sentenza finali mogħtija nhar il-11 ta' Ġunju, 2020 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi: (i) iddikjarat lill-konvenut responsabbli tal-mewt ta' Adolf Farrugia (iben l-atturi) li miet fit-22 ta' Awwissu, 1999 minħabba nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti meta pprovdielu d-droga, (filwaqt li attribwiet 50% negliġenza kontributorja lill-

istess Adolf Farrugia kaġun ta' mewtu); (ii) illikwidat id-danni mġarrba mill-atturi minħabba fil-mewt ta' binhom fl-ammont ta' €160,000; (iii) ikkundannat lill-konvenut iħallas l-ammont likwidat; (iv) bl-imgħax jitlaq mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż ibatihom il-konvenut.

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

«***Fatti***

*26. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti Emanuel u Margaret Farrugia huma l-ġenituri ta' Adolf Farrugia, żagħżugħ ta' wieħed u għoxrin sena illi fit-22 ta' Awwissu 1999, instab mejjet ġewwa garage tal-familja, riżultat ta' overdose ta' droga eroina.*

*27. Jirriżulta illi wara investigazzjoni tal-Pulizija dwar il-każ u stqarrija ta' Paul Busuttil mogħtija fit-8 ta' Jannar 2005, fit-8 ta' Jannar 2005 stess l-intimat Mario Magri rrilaxxja Stqarrija lill-Pulizija fejn stqarr illi kien ma' Adolf Farrugia fil-lejl ta' bejn il-21 u 22 ta' Awwissu 1999 jikkonsmaw id-droga flimkien, meta iben ir-rikorrenti, Adolf, ħa droga flimkien miegħu iżda miet riżultat tal-istess, filwaqt illi l-intimat, li kien intilef minn sensih, meta eventwalment reġa' qam, sab lil Adolph (recte: Adolf) Farrugia mejjet u ħarab 'l hinn (recte: 'l hemm) wara illi mesaħ lil Adolf b'ċarruta. (fol 299-301)*

*28. Jirriżulta illi, sussegwentement, fil-31 ta' Jannar 2005, l-intimat Mario Magri tressaq il-Qorti akkużat talli:*

*1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura droga eroina illegalment,*
*2. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Adolph Farrugia,*
*3. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina illegalment.*

*29. Jirriżulta illi fit-23 ta' Ottubru 2006, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-intimat ħati tat-tliet imputazzjonijiet u kkundannatu piena ta' tliet snin priġunerija u multa ta' elfejn Liri Maltin (Lm2,000). (fol 536)*

*30. Jirriżulta illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet ikkonfermata fl-intier tagħha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju 2009. (fol 6)*

*31. Jirriżulta illi fl-10 ta' Novembru 2006, ir-rikorrenti ppreżentaw Ittra Uffiċjali kontra l-intimat fejn l-intimat ġie interpellat biex jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrent wara li b'sentenza tat-23 ta' Ottubru 2006 mill-Qorti tal-Maġistrati Ġudikatura Kriminali nstab ħati talli kkaġuna l-mewt ta' binhom Adolf Farrugia. Dina l-Ittra ġiet lilu notifikata fil-15 ta' Novembru 2006. (fol 22)*

*32. Jirriżulta illi fit-23 ta' Ottubru 2009, ir-rikorrenti bdew il-proċeduri odjerni.*

***Provi***

*33. Jirriżulta illi l-provi prodotti quddiem dina l-Qorti kienu kemm provi mressqa permezz ta' xhieda mressqa mill-partijiet quddiem il-Qorti, kif provi mressqa wkoll permezz ta' dokumentazzjoni ppreżentata mill-istess partijiet formanti parti mid-dokumentazzjoni imressqa fil-proċeduri kriminali meħuda kontra l-intimat.*

*34. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat Mario Magri kien ħabib ta' Adolf Farrugia, iben ir-rikorrenti, u kienu jiffrekwentaw lil xulxin regolarment flimkien ma' oħrajn.*

*35. Jirriżulta wkoll illi, dakinhar illi iben ir-rikorrenti kkonsma d-droga fil-lejl ta' bejn il-21 u 22 ta' Awwissu 1999 li eventwalment wasslet għall-mewt tiegħu, l-intimat Mario Magri kien qiegħed jikkonsma tali droga flimkien miegħu wkoll u sussegwentement, hekk kif l-intimat reġa' f'sensih, wara li t-tnejn li huma ntilfu minn sensihom riżultat ta' teħid ta' droga, huwa sab lil Adolf Farrugia mejjet u, ħarab il-barra mill-garage.*

*36. Fi stqarrija illi l-intimat Mario Magri ta lill-Pulizija fit-8 ta' Jannar 2005, u li huwa stess esebixxa fl-atti tal-kawża odjerna, l-intimat qal is-segwenti: (fol 300)*

> *D: Xi ħin Adolph Farrugia ġie ħdejkom?*
> *R: Ngħid illi Adolph għall-ħabta ta' xi l-ħdax u nofs jew nofsillejl ġie bil-karozza tiegħu mhux ċert jekk kinitx Peugeot u għajjatli ħdejn il-karozza tiegħu. Niftakar li Adolph kien jidher xurban u qalli biex immur miegħu u wrini basket tal-plastik u qalli li kellu l-imbarazz. Jiena dak il-ħin mort miegħu u wara li dorna dawra ma' Ħal Safi Adolph ipparkja l-misraħ. Wara li morna fil-garage dħalna ġewwa xi ħadd minna għalaq il-bieb tal-garage u Adolph beda jssajjar l-eroina jekk kienx fuq il-mejda mhux ċert. Wara li Adolph ħa l-eroina bil-labra u jiena ħadt l-eroina tiegħi, it-tnejn intlifna minn sensina, wara xi ħin jiena qomt u sibt li Adolph kien spiċċa u minn fuq is-siġġu poġġejtu fuq is-sodda. U ħriġt 'il barra għax bżajt u ħassejt hekk dak il-ħin.*
> *D: Tiftakar x'ħin kien dak il-ħin li ħriġt 'il barra?*

*R: Naħseb kienu għaddew tliet siegħat għax jiena kont iebes ukoll.*
*D: Ngħid sewwa li qabel ħriġt 'il barra inti msaħt lil Adolph b'biċċa ċarruta mxarrba?*
*R: Iva pruvajt nimsħu b'biċċa ċarruta mxarrba biex forsi jiġi f'tiegħu għax jiena ma ħsibtx li kien mejjet.*

37. Jirriżulta illi, għalkemm il-mewt ta' Adolf Farrugia seħħ f'Awwissu 1999, kien biss fis-sena 2005 illi l-Pulizija kellhom indikazzjoni ċara li l-intimat Mario Magri kien involut, b'xi mod, fil-mewt ta' Farrugia, u dana wara illi ċertu Paul Busuttil, ħabib kemm tal-intimat kif ukoll ta' Adolf Farrugia, kien għadda informazzjoni importanti. Tali informazzjoni tidher fi stqarrija illi l-istess Paul Busuttil kien ta u kkonfermaha bil-ġurament ukoll (fol 466) fejn huwa qal lill-Pulizija s-segwenti: (fol 134)

*Ngħid illi dakinhar jiena u Mario Magri morna nixtru gramma (smack) eroina mingħand wieħed magħruf bħala ċ-Ċikli li joqgħod Ħal Safi, ngħid illi dakinhar kemm jiena u Mario morna il-każin tal-football ta' l-Imqabba dak iż-żmien iċ-Ċikli kellu l-Bar tal-Każin. Mistoqsi x'ħin kien il-ħin ngħid li kien għall-ħabta ta' xi nofsinhar. Meta wasalna, iċ-Ċikli tana gramma iżda peress li ma kellniex flus baqgħet dejn. Mistoqsi ġo xiex kienet imqarsta l-eroina ngħid li kienet imqarsta ġewwa qartas tal-karti. Minn hemm jiena u Mario morna l-għalqa tiegħi, li għandi f'tal-Ġarra limiti ta' Ħal-Safi u filgħaxija niftakar li kelli tieġ u filgħaxija jiena u Mario erġajna morna nieħdu daqqa oħra mill-istess gramma. Minn hemm jiena mort it-tieġ ta' waħda Rita u Teddy li kien sar is-sala li hemm quddiem Għar Dalam. Filgħodu niftakar li kif qomt ommi kienet infurmatni li x'ħin kienet dieħla l-Quddiesa saret taf li lil Adolph kienet sabitu ommu mejjet ġewwa l-garage. Wara li ħadt bela tè jiena kont sibt lil ċertu wieħed jgħidulu l-Ferħ u qalli li kien jaf li Adolph kien mar il-pjazza għal, Sulina, irid nispjega li Sulina hu (il-laqam ta') Mario Magri li jiena rreferejt għalih qabel. Ftit wara jiena mort għal Sulina, jiġifieri għal Mario, għax bżajt li kien seta' spiċċa ħażin ukoll, u wara li fetaħli missieru, jiena bdejt nimxi fil-kurutur ta' isfel u kif jiena staqsejt lil Mario, jekk kienx jaf x'ġara, Mario qalli "żgur miet iċ-Capua" nispjega li ċ-Capua kien il-laqam ta' Adolph. Wara li libes niftakar li Mario s-Sulina qalli li Adolph kien mar ifittxu l-pjazza ta' Ħal Safi, quddiem il-każin tal-Banda u talbu biex immorru jieħdu daqqa eroina, <u>Mario kompla biex qalli li marru l-għalqa bil-Peugeot ta' Capua u marru l-garage fejn instab mejjet iċ-Capua</u>, meta kienu hemm Mario rrakkontali li Adolph kien sajjar l-eroina u li kien għamel ħafna u li meta Adolph faqqa' l-eroina fuq is-siġġu Adolph kien baqa' fuq is-siġġu <u>u wara li tefgħu fuq is-sodda qalli wkoll li kien mesaħ lil Adolph mill-fingerprints b'biċċa ċarruta mxarrba</u>. Ngħid illi Mario qalli wkoll li meta faqqa' hu, jiġifieri Mario, kien ġie gravi wkoll u raqad fuq xi saqqu u meta ġie lura f'tiegħu qalli li kien ra lil Adolph spiċċa u prova jitla' mix-xaft iżda fil-flat ta' fuq il-garage kien hemm toqgħod ċerta Trudy u peress li semagħha tiflaxxja beża' u ħareġ mill-garage. Mario qalli wkoll li hu xtaq joħroġ mix-shaft biex iħalli l-bieb tal-garage magħluq, Mario qalli wkoll li kulma setgħu jaqbduh il-Pulizija kien mill-fingerprints li seta' ħalla mal-garage. <u>Dakinhar stess il-Ħadd Mario qalli li l-kumplament li kien fadal mid-droga is-siringi, l-imgħarfa u s-citric kien ħbihom ġewwa sqaq li hemm qrib id-dar tiegħu</u> u xi tliet ġimgħat wara konna morna narmu s-siringi u l-oġġetti l-oħra fi skip il-Mosta ħalli żgur ma jinstabux.*

*38. Jirriżulta illi, l-Ewwel Qorti, ossia l-Qorti tal-Maġistrati, ppreseduta mill-Imħallef (dakinhar Maġistrat) Lawrence Quintano, kellu dan xi jgħid dwar l-akkuża illi saret lill-intimat Magri illi huwa kien responsabbli għall-mewt ta' Adolf Farrugia: (fol 544)*

> *40. Fil-mertu, ukoll jekk Adolph Farrugia kien jieħu d-droga, ukoll jekk sajjarha hu, meta l-imputat forna lill-mejjet bl-eroina — ukoll jekk bla flus xorta kien qed jikser ir-regolamenti u l-liġijiet dwar id-droga. Ukoll jekk lill-persuna l-oħra tindikalha minn fejn tista' ġġib id-droga int tkun qed tittraffika skont l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 u qed tikser kemm ir-regolamenti tal-GN 292/1939 kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Kap imsemmi. Hawn il-Qorti sejra tirreferi għall-każ deċiż fil-21 ta' Marzu 1996 Appell Numru 126/95 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali preseduta minn (dak iż-żmien) l-Onor Dr. Vincent Degaetano (illum Prim Imħallef) fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Mario Bartolo) versus Richard Grech' fejn il-Qorti kienet qalet hekk:*
>
> *Omissis*

*39. Jirriżulta, finalment, illi l-Qorti tal-Appell, fil-konsiderazzjonijet tagħha dwar responsabbiltà tal-intimat, kellha dan xi tgħid: (fol 14)*

> *Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha miġjuba kontra l-appellant. M'hemm l-ebda dubju li l-proċeduri ġew istitwiti kontra tiegħu wara li Paul Busuttil – li kien wieħed mill-indagati fi żmien il-mewt ta' Adolph Farrugia – mar minn jeddu għand il-Pulizija sabiex jagħti dik li skont hu kienet il-verità dwar dak li ġara fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Awwissu 1999.*
>
> *Fl-istqarrija tiegħu, li huwa kkonferma bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, Paul Busuttil qal li meta kien kellmu s-Supt. Harrison dwar il-mewt ta' Adolph Farrugia, ma kienx qal il-verità għax ħenn għall-appellant u beża' li kieku qal il-verità kienu jtajrulu rasu lill-appellant. Qal li għax baqa' sieket milli jgħid il-verità qiegħed ibati hu. Qal li dakinhar filgħodu hu u l-appellant kienu xtraw gramma eroina mingħand wieħed magħruf bħala ċ-Ċikli. Marru l-għalqa ta' Busuttil f'Tal-Ġarra limiti ta' Ħal Safi u filgħaxija reġgħu marru jieħdu daqqa oħra mill-istess gramma. Minn hemm mar tieġ u filgħodu meta qam, ommu infurmatu li lil Adolph kienet sabitu ommu mejjet ġewwa il-garaxx. Wara li ħa bela' tè sab lil wieħed jgħidulu l-Ferħ li qallu li kien jaf li Adolph kien mar il-pjazza għas-Sulina (jigifieri Mario Magri). Ftit wara mar għand l-appellant għax beża' li seta' spiċċa ħażin ukoll u wara li fetaħlu missieru, "jiena bdejt nimxi fil-kuritur ta' isfel u kif jiena staqsejt lil Mario jekk kienx jaf x'ġara, Mario qalli 'żgur miet iċ-capua' – nispjega li 'iċ-capua' kien il-laqam ta' Adolph. Wara li libes niftakar li Mario s-Sulina qalli li Adolph kien mar ifittxu l-pjazza ta' Ħal Safi quddiem il-każin tal-banda u talbu biex imorru jieħdu daqqa eroina. Mario kompla biex qalli li marru l-għalqa bil-Peugeot ta' capua u marru l-garage fejn instab mejjet iċ-capua. Meta kienu hemm Mario rrakkontali li Adolph kien sajjar l-eroina u li kien għamel ħafna u li meta Adolph faqqa' l-eroina fuq is-siġġu Adolph kien baqa' fuq is-siġġu u wara li tefgħu fuq is-sodda qalli wkoll li kien mesaħ lil Adolph mill-fingerprints b'biċċa ċarruta mxarrba. Ngħid illi Mario qalli wkoll li meta*

*faqqa' hu, jiġifieri Mario, kien ġie gravi wkoll u raqad fuq xi saqqu u meta ġie lura f'tiegħu qalli li kien ra lil Adolph spiċċa u prova jitla' mix-xaft iżda fil-flat ta' fuq il-garage kien hemm toqgħod ċerta Trudy u peress li semagħha tifflaxxja beża' u ħareġ mill-garage. Mario qalli wkoll li hu xtaq joħroġ mix-xaft biex iħalli l-bieb tal-garage magħluq. Mario qalli wkoll li kull ma setgħu jaqbduh il-Pulizija kien mill-fingerprints li seta' ħalla mal-garage. Dakinhar stess il-Ħadd Mario qalli li l-kumplament li kien fadal mid-droga s-siringi, l-imgħarfa u s-citric kien ħbihom ġewwa sqaq li hemm qrib id-dar tiegħu u xi tliet ġimgħat wara konna morna narmu s-siringi u l-oġġetti l-oħra f'skip il-Mosta ħalli żgur ma jinstabux."*

*Meta Paul Busuttil xehed quddiem l-Ewwel Qorti, fix-xhieda tiegħu bażikament ikkonferma dak li qal fl-istqarrija lill-Pulizija. Però spjega illi wara li hu u l-appellant xtraw il-gramma eroina mingħand "Iċ-Ċikli", marru ħadu daqqa l-għalqa tiegħu (ta' Busuttil) u filgħaxija qabel it-tieġ marru jieħdu daqqa oħra "u ħbejnieha [d-droga] fejn konna naħbuha s-soltu". Dwar x'ġara meta Adolph Farrugia mar għall-appellant il-pjazza spjega: "*

> *Xhud: Imbagħad marru l-għalqa, ġabu minn fejn kienet moħbija, ġabu minn fejn konna naħbuha jien u Mario, għax jiena u Mario konna nieħdu. Ġabuha, marru l-garaxx.*
> *Pros: Eżattament fejn kontu taħbuha inti u Mario ?*
> *Xhud : L-għalqa tiegħi.*
> *Pros: Għandha xi isem partikolari din l-għalqa ?*
> *Xhud: Tal-Ġarra."*

*L-appellant ġie arrestat wara li Paul Busuttil mar għand il-Pulizija biex jgħid dak li kien sar jaf. L-appellant ta l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija fl-istqarrija li huwa għamel fit-8 ta' Jannar 2005. Fiha ammetta li kien ma' Adolph fil-lejl inkwistjoni. Jgħid li Adolph mar għalih xil-11.30 p.m. Jgħid li Adolph kien jidher xurban "u qalli biex immur miegħu u wrini basket tal-plastik u qalli li kellu l-imbarazz. Jiena dak il-ħin mort miegħu u wara li dorna dawra ma' Ħal Safi Adolph ipparkja l-misraħ. Wara li morna fil-garage dħalna ġewwa xi ħadd minna għalaq il-bieb tal-garage u Adolph beda jsajjar l-eroina jekk kienx fuq il-mejda mhux ċert. Wara li Adolph ħa l-eroina bil-labra u jiena ħadt l-eroina tiegħi t-tnejn intlifna minn sensina, wara xi ħin jiena qomt u sibt li Adolph kien spiċċa u minn fuq is-siġġu poġġejtu fuq is-sodda u ħriġt 'il barra għax bżajt u ħassejt hekk dak il-ħin." Lil Adolph ipprova jimsħu b'biċċa ċarruta mxarrba biex forsi jiġi f'tiegħu. Ma ppruvax joħroġ mix-xaft għax ma felaħx jimxi. Qal li hu kien jixtri l-eroina mingħand Għarbi li kien jaħdem miegħu fuq ix-xogħol iżda dik li kellu Adolph ma jafx minn fejn ġabha. Is-siringi li użaw, u li kienu fil-borża li kellu Adolph, ħbihom ġo ħajt u wara remihom fi skip.*

*Din il-verżjoni mhux ġuramentata tikkontrasta ma' dik ġuramentata ta' Paul Busuttil prinċipalment inkwantu jirrigwarda dak li għamlu bejn il-ħin li Adolph Farrugia u l-appellant iltaqgħu fil-pjazza u li marru l-garaxx ta' Farrugia, il-provenjenza tal-eroina, u r-raġuni għaliex l-appellant ma ppruvax joħroġ mix-xaft. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li l-appellant ipprova jagħmel fl-istqarrija tiegħu kien biss tentattiv ta' damage control ġaladarba l-Pulizija issa kienu a konoxxenza tal-fatt li huwa kien l-aħħar persuna li ra lil Adolph Farrugia ħaj.*

*L-appellant jgħid li wara li Farrugia mar għalih il-pjazza, daru dawra ma' Ħal Safi. Jekk il-ħsieb ta' Farrugia kien li jieħdu daqqa, jagħmel sens li l-ewwel imorru dawra ta' xejn? X'kienet ir-raġuni ta' din id-dawra? Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-risposta tinsab f'dak li xehed Paul Busuttil li kien qallu l-appellant – li marru l-għalqa ta' Busuttil għall-eroina li kien għad baqa' minn dik li kienu xtraw u użaw dakinhar stess. L-appellant jgħid li l-eroina li kien juża hu kien jixtriha mingħand Għarbi li kien jaħdem miegħu iżda ma joffrix dettalji tiegħu. Mill-banda l-oħra Busuttil speċifikatament semma li hu u l-appellant kienu xtraw dakinhar stess mingħand wieħed Charlie ċ-Ċikli li joqgħod Ħal Safi u li dak iż-żmien kellu l-bar tal-każin tal-football tal-Imqabba. L-appellant jgħid li hu ma felaħx jimxi aħseb u ara kemm sejjer joħroġ mix-xaft. Però Busuttil jgħid li l-appellant kien qallu li xtaq joħroġ mix-xaft iżda fil-flat ta' fuq il-garaxx kienet toqgħod ċerta Trudy u peress li semagħha tifflaxxja beża' u ħareġ mill-garaxx. Huwa aktar verosimili dak li qal Busuttil peress illi dettall bħalma hu dak li l-appellant sema' lil Trudy tifflaxxja seta' sar jafu biss mingħand l-appellant. Fil-fatt Trudy Camilleri xehdet illi għall-ħabta tas-2.00a.m. qamet minħabba t-tifla marret fit-toilet u meta hi daħlet fil-kamra tal-banju li għandha tieqa li tagħti għax-shaft in komuni mal-garaxx, osservat li fil-garaxx kien hemm id-dawl u semgħet leħen ta' raġel jgħid "Xi sħana hawn" u li dan ma kienx leħen Adolph għax il-vuċi tiegħu tagħrafha; kif użat il-flushing id-dawl ta' isfel intefa'. Din il-Qorti inoltre tistaqsi: kieku Adolph Farrugia kellu diġà l-eroina fil-pussess tiegħu, kellu għalfejn jitlob lill-appellant imur miegħu biex ikollu jaqsam ma' l-appellant minflok iżommha kollha għalih? Fl-istqarrija tiegħu l-appellant jgħid li Adolph Farrugia kien qallu li dakinhar kien diġà ħa eroina qabel ma mar il-każin. Però mir-rapport tal-espert medikolegali Dr Mario Scerri jirriżulta li puntura waħda friska kien hemm fl-id il-leminija kif jidher mir-ritratt numru 5 anness mal-istess rapport (paġna 10 tar-rapport). Minn dan kollu għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda raġuni li tiskarta x-xhieda ta' Paul Busuttil u setgħet għalhekk legalment u raġonevolment tifhem, kif del resto tifhem din il-Qorti mill-bran suriprodott, li meta Adolph Farrugia u l-appellant telqu flimkien mill-pjazza l-ewwel marru l-għalqa ta' Busuttil biex iġibu l-eroina li kienet moħbija u kienet proprju dik l-eroina li intużat minn Farrugia u mill-appellant.*

*40. Jirriżulta illi l-konsiderazzjonijiet fuq magħmula kienu bbażati fuq provi illi ġew imressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u ri-eżaminati mill-Qorti tal-Appell, liema provi ġew riprodotti bħala provi prinċipali, għal darboħra, quddiem dina l-Qorti, għall-konsiderazzjoni ta' dina l-Qorti, mill-ġdid fuq il-mertu tal-kawża odjerna.*

*41. Jirriżulta illi l-intimat qatt ma xehed fil-kawża odjerna u strieħ prinċipalment fuq provi dokumentarji.*

***Difiża***

*42. Jirriżulta illi l-intimat, fid-difiża tiegħu kienet ibbażata fuq erba' linji difensjonali, ossia s-segwenti:*

*a. L-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2154 tal-Kodiċi*

*Ċivili.*
*b. Ir-rikorrenti jridu jippruvaw illi huma l-werrieta.*
*c. L-intimat ma huwiex responsabbli għall-mewt ta' Adolf Farrugia u għalhekk mhux responsabbli għall-danni.*
*d. Ir-rikorrenti ma sofrew ebda danni.*

*43. Ikun għalhekk opportun biex il-Qorti tevalwa kull waħda mil-Linji difensjonali.*

***Preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili***

*44. Jirriżulta illi l-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) jipprovdi illi:*

*(1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.*

*(2) Iżda, kull min jisraq ħaġa, jew isir pussessur tagħha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jirċievi jew jixtri dik il-ħaġa, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriviha qatt, jgħaddi kemm jgħaddi żmien.*

*45. Jirriżulta illi r-reat illi tiegħu l-intimat Mario Magri qiegħed issa jintalab iħallas ħlas għal ħsarat huwa r-reat ipprovdut fl-Artikolu 225 ta' Kodiċi Kriminali (Kap 9), illi jipprovdi li ġej:*

*(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)*

*46. Jirriżulta illi a tenur tal-Artikolu 668 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9):*

*Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –*

*.....*

*(d) bl-għeluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;*
*(e) bl-għeluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;*

*47. Jirriżulta, madanakollu, illi fis-sena 1999, il-perjodu preskrittiv kien differenti, u dana kif korrettament irrilevat il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha fejn osservat is-segwenti:*

> *Dwar it-tieni imputazzjoni l-Qorti l-ewwel kienet ikkonfrontata bil-kwistjoni tal-ammenda fil-Liġi. Fl-1999 il-piena kienet ta' mhux iżjed minn sentejn ħabs jew multa ta' mhux iżjed minn elfejn Lira. Minħabba li l-piena żdiedet u mhux naqset, il-Qorti sejra tikkunsidra s-sitwazzjoni kif kienet fl-1999. Hawnhekk kienet japplika l-artikolu 688 (d) ħames snin (għall-karċerazzjoni) u 688 (e) sentejn għall-każ ta' multa.*

*48. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 692 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9):*

> *Iż-żmien tal-preskrizzjoni għad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-ħati ma jkunx magħruf.*

*49. Jirriżulta, illi għar-reat li abbażi tiegħu r-rikorrenti qed jitolbu l-ħlas ta' danni, l-intimat ġie kkundannat piena ta' tliet snin priġunerija u elfejn liri Maltin multa.*

*50. Jirriżulta illi l-azzjoni kriminali nbdiet kontra l-intimat Mario Magri fil-31 ta' Jannar 2005.*

*51. Jirriżulta illi, qabel dakinhar, ir-rikorrenti ma kinux a konoxxenza tal-fatt illi Mario Magri seta' kien il-persuna ħati tal-mewt ta' binhom Adolf.*

*52. Jirriżulta illi l-Ittra Uffiċjali lill-Mario Magri ntbagħtitlu fl-10 ta' Novembru 2006, ossia ferm entro t-terminu preskrittiv kif fuq spjegat.*

*53. Għalhekk, id-difiża ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2154 tal-Kap 12 ma għandhiex bażi sabiex tiġi kkunsidrata favorevolment minn dina l-Qorti.*

Omissis

***- L-intimat ma huwiex responsabbli għall-mewt ta' Adolf Farrugia u għalhekk mhux responsabbli għall-danni***

*58. L-intimat jikkontendi illi huwa ma għandux jinsab responsabbli għall-mewt ta' Adolph Farrugia, għalkemm kemm il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali t-tnejn sabuh ħati talli "b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Adolph Farrugia".*
*59. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi kemm il-Qorti tal-Maġistrati, kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali, eżaminaw bir-reqqa l-provi prodotti quddiemhom u, wara eżami akkurat tal-fatti, ikkonkludew illi kien hemm provi biżżejjed, mhux fuq bażi ta' probabbiltà, bħalma huwa rikjest fi proċeduri ċivili, iżda fuq bażi ta' lil hinn minn kull dubju, bħalma huwa rikjest fi proċeduri kriminali, illi l-intimat Mario Magri kien ħati talli kkaġuna l-mewt ta' Adolph Farrugia.*

*60. Il-Qorti tħoss illi tali difiża, kif redatta, partikolament ukoll in vista tal-fatt illi l-provi KOLLHA prodotti quddiem iż-żewġ qrati fuq imsemmija,*

*reġgħu ġew riprodotti mill-intimat IN TOTO quddiem dina l-Qorti u l-intimat qatt ma xehed fil-kawża odjerna, hija tentattiv tal-intimat sabiex jikkontesta l-ħtija tiegħu, għat-tielet darba*.

*61. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża **'Maria Debono et vs Michelina Apap et'** deċiża fid-29 ta' Novembru 2013 fejn, meta l-parti telliefa, fl-appell tagħha, allegat illi l-ewwel Qorti, fil-kawża ċivili, straħet wisq fuq dak li ġie deċiż fil-proċess kriminali, il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tgħid*

.....

*62. Il-Qorti tagħmilha ċara illi fliet fir-reqqa d-dokumentazzjoni kollha esebiti quddiem dina l-Qorti, kemm dawk mir-rikorrenti, illi kienu jinkludu l-istatements kollha meħuda mill-Pulizija, kif ukoll il-Proċess kollu tal-kawża kriminali, eżebiti mill-intimat, u ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tasal għall-istess konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati Malta kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi l-intimat, Mario Magri, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Adolph Farrugia.*

*63. Jirriżulta, di fatti, mill-provi kollha ppreżentati, illi ħareġ ċar illi l-intimat iltaqa' ma' Adolf Farrugia tard bil-lejl tal-20 ta' Awissu 1999, wara illi kellmu Adolf Farrugia, u dana sabiex imorru jikkunsmaw droga flimkien.*

*64. Jirriżulta ċar ukoll, mill-Istqarrija ta' Paul Busuttil (fol 134), illi d-droga illi ġiet ikkunsmata minn Adolf Farrugia u l-intimat fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Awwissu 1999 kienet droga illi l-istess intimat, flimkien ma' Paul Busuttil, kien akkwista mingħand ċertu wieħed magħruf bħala ċ-Ċikli, aktar kmieni filgħodu ta' dakinhar.*

*65. Jirriżulta, anke ammess mill-istess intimat fl-Istqarrija tiegħu stess (fol 299), u minnu esebita fl-atti tal-kawża odjerna, illi wara li t-tnejn li huma kienu ntilfu minn sensihom hekk kif ħadu d-droga, l-intimat reġa' ġie f'sensih u sab lil Adolf Farrugia mejjet iżda, flok ma għajjat għall-għajnuna, huwa mesaħ lill Adolf Farrugia u ħarab mill-garage, wara illi pprova, mingħajr suċċess, jaħrab minn x'imkien ieħor sabiex iħalli l-bieb tal-garage magħluq.*

*66. Jirriżulta wkoll ammess mill-istess intimat fl-Istqarrija tiegħu u kkonfermata minn Paul Busuttil, illi kemm id-droga kif ukoll is-siringa illi kien uża Adolf Farrugia dakinhar illi għamel overdose u eventwalment miet, l-intimat ħadhom miegħu meta ħarab mill-garage u eventwalment remihom ġo skip f'lokalità 'l bogħod minn fejn seħħ l-akkadut ftit ġimgħat wara – il-garage fejn miet Adolf Farrugia kien ġewwa Ħal Safi filwaqt illi d-droga remiha ġo skip il-Mosta.*

*67. Finalment, jirriżulta mill-Istqarrija ta' Paul Busuttil, illi l-intimat kien stqarr miegħu illi huwa kien mesaħ lill-Adolf Farrugia meta sabu mejjet, sabiex ineħħi l-"fingerprints" tiegħu minn fuq il-ġisem mejjet ta' Adolf*

*Farrugia, u dana bil-għan illi l-Pulizija ma jkollhomx provi li jimplikaw lill-intimat.*

*68. Il-Qorti, għalhekk, ma għandha ebda dubju illi d-droga illi Adolf Farrugia kkonsma u li eventwalment miet biha kienet lilu pprovduta minn l-intimat Mario Magri u ma għandha ebda dubju wkoll illi, minħabba f'nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni tal-intimat Mario Magri, huwa kkawża l-mewt ta' Adolf Farrugia, tal-età ta' wieħed u għoxrin sena, li miet minn overdose ta' droga.*

***- Ir-rikorrenti ma soffrew ebda dannu***

*69. Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi hija inkonċepibbli kif jista' qatt l-intimat jikkontempla illi jgħid illi r-rikorrenti, bħala ġenituri ta' Adolf Farrugia, ma soffrew ebda danni riżultat tal-mewt traġika tiegħu, fl-età żgħira ta' wieħed u għoxrin (21).*

*70. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili illi jipprovdi dan li ġej:*

> *(1)Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib:*
>
> *Iżda fil-każ ta' danni li huma kkawżati minn reat kriminali, id-dannu li jrid jiġi reparat għandu jinkludi wkoll dannu morali u, jew psikoloġiku kkawżat lill-parti li tbati l-ħsara:*
>
> *Iżda wkoll li, mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjoni oħra f'dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra, meta danni kkawżati minn reat kriminali jiġu kommessi kontra minuri, l-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha dik il-vittma tilħaq l-età maġġuri.*
>
> *(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.*

*71. Jirriżulta illi fil-każ odjern, l-azzjoni odjerna hija waħda ta' danni mitluba mir-rikorrenti, bħala eredi ta' Adolf Farrugia, u dana in vista tal-mewt ta' Adolf Farrugia b'riżultat ta' overdose minn droga pprovduta minn l-intimat, u li għaliha l-intimat instab kriminalment responsabbli tar-reati minnu kommessi.*

*72. Jirriżulta illi l-artikolu 1046 tal-Kap 16 jipprovdi hekk –*

> *Jekk minħabba l-egħmil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skont id-*

*dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan.*

*.....*

*79. Il-Qorti, f'dan l-istadju, tħoss illi għandha tagħmel osservazzjoni ulterjuri dwar ir-responsabbiltà tal-intimat għall-akkadut illi wassal għall-mewt ta' Adolf Farrugia.*

*80. Jirriżulta, fil-każ odjern, mill-provi prodotti quddiemha, illi, għalkemm kien l-intimat illi pprovda d-droga illi kkonsmaw l-intimat u iben ir-rikorrenti dakinhar illi spiċċa miet iben ir-rikorrenti, kien attwalment Adolf Farrugia, ossia iben ir-rikorrenti, illi "beda jsajjar l-eroina", sabiex eventwalment dina tintuża bejniethom, u għalhekk Adolf Farrugia pparteċipa bi sħiħ fl-operat illi eventwalment wassal għall-mewt tiegħu stess.*

*81. Il-Qorti, għalhekk, tħoss illi dana il-fatt għandu jimmilita favur l-intimat, fil-komputazzjoni tad-danni, u hawnhekk ser tagħmel referenza għal dak illi qalet il-Qorti tal-Maġistrati fid-deċiżjoni tagħha kontra l-intimat, fejn ddiskutiet "In-negliġenza kontributorja tal-vittma"..*

*....*

*82. Il-Qorti tqis illi daqskemm huwa responsabbli l-intimat illi pprovda d-droga hu lil Adolf Farrugia, daqstant kien responsabbli wkoll Adolf Farrugia illi huwa lesta d-droga sabiex tintuża u amministraha.*

*83. Il-Qorti għalhekk tħoss illi għal dak illi jirrigwarda riżarċiment, ir-responsabbiltà finanzjarja għandha tinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet, filwaqt illi għandhom ukoll japplikaw il-prinċipji kif fuq ġa stabbiliti.*

***Kalkolazzjoni tad-Danni***

*84. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti, illi d-danni pretiżi mir-rikorrenti ma humiex 'Dannum Emergens", imma unikament "Lucrum Cessans".*

*85. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijet segwenti:*

*a. Dwar il-persentaġġ ta' diżabbiltà, in vista tal-fatt li Adolf Farrugia miet, dan il-persentaġġ ser jittieħed bħala 100%.*
*b. Dwar il-multiplier, jirriżulta li fid-data tal-mewt traġika tiegħu, Adolf Farrugia kellu biss 21 sena. Kif ġie osservat aktar 'il fuq, il-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li miet Adolf Farrugia u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Jirriżulta illi r-rikorrenti,*

*fis-sottomissjonijiet tagħhom, qed jikkunsidraw multiplier ta' erbgħin sena (40). Il-Qorti tqis illi, tenut kont tal-fatt illi l-età ta' irtirar ta' Adolf Farrugia kien ser ikun ċertament 'l hinn mill-40 sena mitluba mir-rikorrenti, huwa ġust u opportun illi l-multiplier, fil-każ odjern, ikun ta' erbgħin sena.*
*c. Dwar is-salarju ta' Adolf Farrugia, ir-rikorrenti jikkontendu illi Adolf Farrugia, illi kien jaħdem ma' missieru, Emanuel Farrugia, kien jaqla' €230 fil-ġimgħa li, fuq sena, jagħmlu ftit anqas minn €11,960, u għalhekk il-Qorti ser tqis il-qligħ annwali fuq €12,000.*

*86. Il-Qorti tosserva illi, kif ġa rrilevat aktar 'il fuq, għalkemm huwa minnu illi l-intimat huwa responsabbli għall-mewt ta' Adolf Farrugia, ir-responsabbiltà tiegħu għandha tieħu inkonsiderazzjoni n-negliġenza kontributorja ta' Adolf Farrugia in vista tal-fatt li pprepara d-doża tal-eroina li eventwalment qatlitu, u għalhekk l-intimat għandu jkollu d-danni lilu inflitti ridotti bin-nofs.*

*87. Il-Qorti tosserva wkoll illi, abbażi tas-sentenza '**Formosa vs Spiteri'** fuq imsemmija, fin-nuqqas ta' provi da parte tar-rikorrenti ta' xi 'degree of dependency' illi huma kellhom, il-Qorti tħoss illi jkun ġust u opportun illi l-ammont għandu jiġi ridott ulterjorment b'terz.*

*88. Finalment, dwar il-"lump sum deduction', il-Qorti tosserva illi, l-kawża odjerna ilha pendenti għal ftit anqas minn ħdax-il sena u, abbażi ta' sentenzi fuq ċitati, hemm il-prassi illi tali tnaqqis ta' 20%, jitnaqqas bi 2% għal kull sena żejda minn wara t-trapass tal-kawża sad-data tas-sentenza. Dana jfisser illi, kieku kellha tiġi applikata tali regola, l-lump sum deduction għandu jkun ta' 2%. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi l-aġir tal-intimat fil-każ odjern, rifless fl-eċċezzjonijiet frivoli u vessatorji minnu mqajma, intiżi unikament biex jirrekaw dannu ulterjuri lir-rikorrenti li tilfu lit-tifel tagħhom f'mod traġiku, huwa tali illi dina l-Qorti tħoss illi ma huwiex ġust u meqjus illi l-intimat igawdi minn tali tnaqqis ta' 2%. Għalhekk, ebda lump sump deduction ma għandha titnaqqas.*

*89. Tenut kont ta' tali konsiderazzjonijiet, il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-komputazzjoni tagħha kif ġej:*

| | |
|---|---|
| *a. Introjtu Totali fuq medda ta' 40 sena:* | |
| *(€12,000 x 40 sena x 100% disability)* | *€480,000* |
| *b.Tnaqqis ta' ħamsin fil-mija (50%) in vista tan-negliġenza kontributorja ta' Adolf Farrugia* | *(€240,000)* |
| *Bilanċ:* | *€240,000* |
| *c. Tnaqqis ta' Terz (1/3) in vista ta' nuqqas ta' prova dwar 'degree of dependency"* | *(€ 80,000)* |
| ***TOTAL DOVUT*** | ***€160,000*** |

*90. Għaldaqstant, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha magħmula*

*hawn fuq, l-ammont dovut lir-rikorrenti Emanuel u Margaret Farrugia minn Mario Magri, bħala danni riżultat tal-mewt ta' Adolf Farrugia, illi għalih l-intimat Mario Magri huwa responsabbli, għandu jkun ta'* ***mija u sittin elf ewro (€160,000)****.»*

9. Il-konvenut Mario Magri appella minn din is-sentenza finali, b'rikors imressaq fit-30 ta' Ġunju, 2020 u ressaq erba' aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti ħaddmet ħażin il-liġi meta waslet għas-sejbien ta' responsabbiltà ċivili tiegħu għall-mewt ta' Adolf Farrugia, billi straħet fuq il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qrati fil-kamp penali; (ii) mingħajr ħsara għall-aggravju ta' qabel, li l-Ewwel Qorti warrbet il-provi ċirkostanzjali meta ċaħdet l-eċċezzjoni tiegħu għal dak li huma responsabbiltajiet tal-attur Emanuel Farrugia u li huwa qatt ma ġarrab danni; (iii) mingħajr ħsara għall-aggravji ta' qabel, li l-Ewwel Qorti ħadmet ħażin il-liġi meta ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa minnu; u (iv) li l-likwidazzjoni tad-danni kienet waħda legalment u fattwalment ħażina.

10. L-atturi għalkemm notifikati bir-rikors tal-appell ma ressqu ebda tweġiba għall-appell.

11. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fil-11 ta' April, 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. Illi din hija kawża li permezz tagħha l-atturi fittxew lill-konvenut għall-ħlas ta' danni billi jsostnu li l-istess konvenut huwa responsabbli għall-mewt ta' binhom meta pprokuralu d-droga li b'konsegwenza tal-konsum tagħha spiċċa biex miet.

13. Illi l-liġi (**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili**) titkellem ċar dwar ir-responsabbiltà tal-għemil ta' persuna fil-qasam ta' danni mnissla minn delitt. Jaħti ta' għemil bħal dan kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (**Artikolu 1032 (1) tal-Kodiċi Ċivili**). Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal joħroġ ukoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, wkoll jekk dak li jagħmel ikun mingħajr il-ħsieb li jagħmel id-deni (**Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili**). Ta' dan id-deni jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri. Dan, wara kollox, huwa meqjus bħala l-għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbiltà ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż (P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe v. Filomena Spiteri et***). B'żieda ma' dan, ingħad li l-ħsara kaġunata waqt għemil bħal dan mhijiex la ħsara kuntrattwali u lanqas akwiljana, iżda ħsara li titnissel minn għemil kriminuż vera u proprju li għaliha japplikaw il-prinċipji tad-dritt penali (ara App. Ċiv. 30.11.1956 fil-kawża fl-ismijiet ***Francesco Gauci v. Salvatore Gauci*** u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Audrey Rose Borg et v. Daniel Sciberras*** deċiża fit-8 ta' Ġunju, 2011).

14. Illi permezz tal-**<u>ewwel aggravju</u>**, il-konvenut appellant jgħid li l-Ewwel Qorti ħaddmet ħażin il-liġi meta waslet għal sejbien ta' responsabbiltà ċivili fih għall-mewt ta' Adolf Farrugia. Isostni li meta wieħed jagħsar is-sentenza tal-Ewwel Qorti jsib li din iddeċidiet li ladarba huwa nstab ħati għall-omiċidju involontarju ta' Farrugia, mela allura anke fil-kamp ċivili kien responsabbli għall-mewt tiegħu. L-appellant jisħaq li din il-konklużjoni hija legalment ħażina u fattwalment żbaljata. Jgħid li filwaqt li huwa prinċipju bażiku li fatt jista' jwassal kemm għall-azzjoni kriminali kif ukoll għall-azzjoni ċivili, però l-fatt li wieħed jeħel fil-proċeduri kriminali ma jfissirx li neċessarjament dan għandu jeħel fil-proċeduri ċivili wkoll. Tant huwa hekk li bejn iż-żewġ proċeduri hemm prinċipji ta' dritt differenti, li jmorru lil hemm mill-grad ta' prova meħtieġa fiż-żewġ tipi ta' proċeduri.

15. L-appellant jgħid li minkejja l-ħafna ġurisprudenza msemmija mill-Ewwel Qorti, fis-sustanza l-Ewwel Qorti abdikat milli tagħmel ġudizzju fuq dak li kien ippreżentat quddiemha u ħadet l-eħfef triq. Jgħid li minkejja ċ-ċaħda tal-atturi, irriżulta li Adolf Farrugia kien jabbuża mid-droga kokaina u eroina regolarment u dan hekk kif mistqarr mix-xhieda Franklin Borg u Paul Busuttil. Isostni li mill-provi rriżulta li s-sors ta' Adolf Farrugia għall-kokaina kien missieru stess.

16. L-appellant jgħid li mill-provi rriżulta li fil-lejl li fih ġie nieqes Adolf

Farrugia, kien dan tal-aħħar li mar ifittxu biex jikkunsmaw id-droga flimkien u mhux bil-maqlub. Jgħid li rriżulta li d-droga eroina marru jikkonsmawha fil-garaxx ta' Adolf Farrugia u li d-droga nġarret fil-karozza tal-istess Farrugia. Jissokta jgħid li dak li m'hemmx qbil fil-provi huwa minn fejn inġiebet id-droga, ċjoè jekk hux mill-għalqa ta' Paul Busuttil fejn kienu ħallewha l-konvenut u l-istess Busuttil, wara li kienu xtrawha mingħand wieħed magħruf bħala ċ-Ċikli, jew hekk kif isostni l-konvenut li Farrugia ħa d-droga miegħu meta mar ifittxu fil-pjazza tar-raħal bil-karozza tiegħu.

17. Jgħid li l-prova tal-atturi hija dak li xehed Paul Busuttil, li qiegħed jgħid dak li suppost qallu huwa u għalhekk mhix ħlief *hearsay evidence*. Fuq ix-xaqliba l-oħra, hemm ix-xhieda tiegħu fil-proċeduri kriminali li hija msaħħa bi provi oħra konsistenti fix-xhieda ta' Franklin Borg u xhieda tan-nies li kienu fil-pjazza meta Farrugia mar għal Mario Magri. Jgħid li l-Ewwel Qorti għarfet u aċċettat bħala prova li Adolf Farrugia ħejja d-droga huwa stess u li kkunsmaha minn jeddu, tant li sabet li kien hemm 50% ta' kontributorjetà għal dak li seħħ mill-istess Farrugia. Iżid li l-fatt li d-droga li kkonsma ġabha l-istess Farrugia għandu jwassal sabiex huwa jkun meħlus minn kull responsabbiltà.

18. L-appellant jissokta jgħid li anke jekk jirriżulta li d-droga li ġiet ikkunsmata f'dak il-lejl kienet minn dik li nxtrat minnu u minn Busuttil xorta

waħda ma tirriżultax responsabbiltà ċivili billi kien l-istess Farrugia li mar ifittxu bil-karozza, marru biex iġibu d-droga, li marru jieħdu d-droga fil-proprjetà tal-istess Farrugia u kien dan tal-aħħar li ħejja d-droga u ħadha huwa stess. F'dan is-sens jiġi li l-Ewwel Qorti ma ħadet l-ebda konsiderazzjoni tas-sottomissjonijiet li ressaq huwa għal dak li hija d-difiża ta' *volenti non fit iniuria* u dan meta t-tliet rekwiżiti meħtieġa sabiex din id-difiża tirnexxi kienu kollha milħuqa.

19. Din il-Qorti tibda biex tgħid li għalkemm l-appellant sejjes dan l-aggravju tiegħu fuq it-tħaddim ħażin tal-liġi, però dan mhu xejn għajr aggravju dwar l-għarbiel tal-fatti li wettqet l-Ewwel Qorti.

20. Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jsawru l-każ, ma jidhirx li għandu jkun hemm dubju li l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-parametri tal-azzjoni delittwali u l-effetti li jitnisslu minnha.

21. Illi ż-żewġ proċedimenti jimxu għal rashom, u minbarra dan, kif inhuwa magħruf ukoll, il-grad ta' prova mistenni f'kawża ċivili huwa differenti minn dak mistenni f'kawża kriminali (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ***Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino nomine et***, Appell Ċivili tal-25 ta' Frar 1952, Kollez. Vol.XXXIV.I.319). Kemm hu hekk, filwaqt li fil-każ kriminali l-grad tal-prova huwa dak tat-tneħħija ta' kull dubju raġonevoli, fil-każ ċivili l-grad tal-prova huwa dak

biss tal-probabbiltà (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fit-13 ta' Lulju, 2020 fl-ismijiet ***John Muscat v. Camray Limited et***).

22. Madankollu hekk kif ġie mtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet ***Audrey Rose Borg et v. Daniel Sciberras***:

> *«Huwa minnu li l-proċediment kriminali u dak ċivili jimxu għal rashom, iżda huwa wkoll miżmum li l-Qrati ċivili jistgħu iqisu provi jew indizji li jinkisbu matul proċediment kriminali biex jaslu għad-determinazzjoni ta' fatti fuq bażi tajba ta' prova fil-grad mistenni fi proċediment bħal dan.»*

23. Tajjeb li jiġi mfakkar li għalkemm fil-proċeduri ċivili, il-grad ta' prova meħtieġa mhix waħda lil hemm mid-dubju raġonevoli, daqs dak mistenni fil-proċeduri kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel il-ġudizzju. Wara kollox, f'kawża ċivili biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant u għalhekk mhux biżżejjed li jkun hemm biss il-possibbiltà ta' kif seħħew il-ġrajjiet.

24. Meta nduru għall-każ tagħna, fil-fatt insibu fl-atti proċesswali li l-istess konvenut straħ fuq il-provi mressqa quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li kienu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

25. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-appellant li l-Ewwel Qorti m'għarblitx sew il-provi li kellha fl-atti u qagħdet biss fuq il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Jirriżulta minflok li l-Ewwel Qorti rreferiet għall-fatti tal-każ hekk kif irriżultaw lilha. Ma kien hemm xejn legalment xi jwaqqafha milli tirreferi wkoll għad-deċiżjonijiet fil-kamp penali.

26. Ta' rilevanza dwar dan il-punt hija s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Novembru, 2013 fil-kawża fl-ismijiet ***Group 4 Securitas (Malta Limited) et v. Godfrey Lopez et***[1]:

> *«dwar prova f'sede kriminali u sede ċivili, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Schembri v. Portelli** deċiża fil-31 ta' Mejju 2013 qalet hekk:*
>
> *"Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għal-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Ċivili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Briffa v. Abela**, deċiża fit-28 ta' Marzu 2003, osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esibizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, iżda l-ġudizzju in sede penale jikkostitwixxi "waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti" (sottolinear ta' din il-Qorti). Din il-Qorti, fil-kawża **Xuereb v. Micallef**, deċiża fis-26 ta' Novembru 1923 kienet approvat dak li qal il-ġurista **Laurent** fis-sens illi "si ritiene che il giudice civile può al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolta in procedimento penale".*
>
> *"Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ **Degabriele v. Montebello**, deċiża fit-28 ta' Jannar 2010, b'adeżjoni ta' ġurisprudenza anterjuri, qalet li*
>
> > *"ma hemm xejn ħażin li ġudikant fi proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi miġbura fi provediment kriminali", proprju għaliex fil-liġi ma hemm xejn kuntrarju għall-esibizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti; dik il-Qorti enfasizzat, però, li dik hi biss waħda mill-provi li l-Qorti Ċivili trid tieħu inkonsiderazzjoni (ara wkoll, fl-istess sens, **Pace v. Camilleri**, App 27/07/2007; **Caruana***

[1] Mhux appellata.

> ***v. Ministeru tal-Ambjent et**, PA 07/07/2004; **Bugeja v. Coreschi**, App 30/04/2009).*
>
> *Kwantu għal grad tal-prova rikjesta fi proċeduri ċivili u proċeduri kriminali:*
>
> *"Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibbiltajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet.*
>
> *U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġonevoli". (**Eucaristico Żammit v. Eustrachio Petrococchino**, App 25/02/1952); **Paul Vassallo v. Carmelo Pace,** App 05/03/1986).»*

27. Din il-Qorti fliet mill-ġdid l-atti proċesswali u ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti. Fl-ewwel lok, minkejja ċ-ċaħda tal-atturi, irriżulta b'mod ċar ħafna, li binhom kien ilu żmien jabbuża mid-droga u li għalhekk fil-lejl meta b'sogħba miet, ma kinitx l-ewwel darba li huwa abbuża minn sustanza illegali. Fit-tieni lok, jirriżulta li Adolf Farrugia u l-konvenut kienu jafu lil xulxin qabel dakinhar li seħħet il-mewt tiegħu. Jirriżulta wkoll li kien Farrugia li mar ifittex lill-istess konvenut u li kkonsmaw id-droga flimkien ġewwa l-garaxx ta' Farrugia. Kien l-istess Farrugia li ħejja d-droga billi sajjarha u ħadu t-tnejn flimkien. Barra minn hekk, ħareġ li Farrugia ssomministra d-droga lilu nnifsu. Il-kwistjoni għalhekk hija din: jekk id-droga li qatlet lil Farrugia kienx ġabha Farrugia stess jew inkella kienx ġabha l-konvenut.

28. L-appellant isostni li l-prova li fuqha straħu l-atturi kienet ix-xhieda ta' Paul Busuttil, li xehed dwar dak li jgħid li qallu l-konvenut u allura din tikkostitwixxi *hearsay evidence*. Minħabba f'hekk jistieden lil din il-Qorti

tixtarr il-provi mressqa minnu u ssib li m'għandux jinstab responsabbli ċivilment, anke jekk kriminalment huwa nstab ħati u skonta s-sentenza tiegħu.

29. L-Ewwel Qorti rreferiet għal dawk il-partijiet tas-sentenzi tal-qrati kriminali li ngħataw fil-konfront tal-konvenut. Dawn il-provi tressqu wkoll quddiem din il-Qorti kif diġà ngħad. Meta titqies l-istqarrija ġuramentata li ta Paul Busuttil quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, snin wara li nstab mejjet Farrugia, u x-xhieda li huwa ta bil-fomm quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet waħda konsistenti u ta' min joqgħod fuqha. Ix-xhieda tiegħu ma kinitx *hearsay evidence* kif qiegħed isostni l-appellant għaliex Busuttil xehed dwar dak li stqarr miegħu l-istess konvenut l-għada stess li nstab mejjet Farrugia, ċjoè li Farrugia kien mar ifittxu l-pjazza ta' Ħal Safi, quddiem il-każin tal-Banda u talbu biex imorru jieħdu daqqa eroina. Busuttil jixhed li Mario Magri qallu li marru l-għalqa bil-karozza ta' Farrugia u marru l-garaxx fejn instab mejjet. Meta kienu fil-garaxx, Farrugia sajjar l-eroina u l-konvenut qallu li kien għamel ħafna u li meta Adolf faqqa' l-eroina fuq is-siġġu dan baqa' fuq is-siġġu. Busuttil stqarr li l-konvenut qallu li tefa' lil Farrugia fuq is-sodda u mesaħ lill-istess mill-*fingerprints* b'biċċa ċarruta mxarrba. L-istess konvenut ġie gravi wara li huwa stess ħa d-droga u raqad fuq xi saqqu u meta ġie f'tiegħu nduna li Farrugia kien spiċċa u pprova jitla' mix-xaft iżda fl-appartament ta' fuq il-garaxx sema *flushing* jintuża u beża' u

ħareġ mill-garaxx. Però Busuttil xehed xi ħaġa oħra – li l-konvenut kien ħeba l-bqija tad-droga, is-siringi, l-imgħarfa u s-*citric acid* ġewwa sqaq qrib id-dar tiegħu u xi tliet ġimgħat wara l-istess konvenut ma' Paul Busuttil marru jarmu s-siringi u l-oġġetti l-oħra ġewwa skip fil-Mosta ħalli ma jinstabux.

30. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenut kien irrilaxxja stqarrija meta ġie arrestat fejn ammetta li fl-istess lejl kien ma' Farrugia, u li kien Farrugia li mar għalih, però qal li d-droga kienet diġà fil-pussess ta' Farrugia. Qal ukoll li kienu daru dawra ma' Ħal Safi. Fisser li mbagħad marru fil-garaxx ta' Farrugia u dan tal-aħħar sajjar l-eroina, ħaduha u ntilfu minn sensihom. Poġġih fuq is-sodda u telaq għax beża'. Jgħid li mesaħ lil Farrugia b'biċċa ċarruta mxarrba biex forsi jiġi f'tiegħu.

31. Din il-Qorti ma tqisx verosimili l-verżjoni mressqa mill-konvenut appellant. Partikolarment x'sens jagħmel li Farrugia li, kif iridna nemmnu l-konvenut, kellu diġà d-droga fil-pussess tiegħu u mar għalih fil-pjazza u qagħdu jduru mar-raħal biex imbagħad marru fil-garaxx biex jikkunsmawha? Biex id-droga tiġi kkunsmata m'hemmx ħtieġa li persuna tkun akkumpanjata minn xi ħadd. Tagħmel aktar sens għalhekk li Farrugia mar ifittex lill-konvenut sabiex dan ikun jista' jgħaddilu d-droga. Proprju għalhekk daru dawra mar-raħal għaliex marru fl-għalqa fejn kienet inżammet moħbija d-droga li kienet inxtrat minn Busuttil u l-

konvenut aktar kmieni fl-istess ġurnata. Kien ukoll għalhekk li wara li Magri ġabar id-droga huma marru l-garaxx flimkien. Fuq kollox għalhekk hija kredibbli l-verżjoni ta' Busuttil għaliex meta Magri qallu li mar iġib id-droga mill-għalqa kien jaf li hekk seta' ġara billi l-għalqa kienet tiegħu stess. Anke l-fatt li mesaħ lil Farrugia b'biċċa ċarruta mxarrba u li rema l-oġġetti relatati mal-abbuż tad-droga u d-droga li kien fadal, fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, tagħti ħjiel li Magri kellu x'jaħbi. Mhux hekk biss, il-fatt innifsu li qabad u telaq u ma ppruvax ifittex għall-għajnuna wkoll jagħti x'wieħed jifhem li l-appellant kien jaf li dak li seħħ seta' kellu konsegwenzi fuqu. Din il-Qorti tifhem li l-konvenut seta' beża' iżda li kieku ma kellu xejn x'jaħbi kien iġib ruħu mod ieħor.

32. Huwa kollu ta' xejn li l-konvenut appellant jipprova jixħet il-ħtija kollha fuq Farrugia għaliex mar ifittxu huwa u kien huwa li ħa d-droga. Il-punt lanqas mhu kemm kien ilu jabbuża mid-droga Farrugia f'dan l-istadju (għalkemm dan għandu rilevanza fi kwistjonijiet oħra).

33. Il-liġi teħles mir-responsabbiltà ta' xi għemil li jġib il-ħsara dak kollu li jseħħ minħabba aċċident jew minħabba forza maġġuri (**Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili**). Madankollu, ma jitqiesx li jkun seħħ b'aċċident dak li jiġri mill-fatt, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem (P.A. 17.5.1902 fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech noe v. Gatt noe et*** (Kollez. Vol: XVIII.ii.164)) u li, fuq kollox, ikun imbassar minn qabel minn persuna ta' dehen ordinarju (Ara

b'eżempju, App. Civ. 16.11.1942 fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond noe v. Busuttil pro et noe*** (Kollez. Vol. XXXI.i.554) u P.A. LM 15.11.2019 fil-kawża fl-ismijiet ***Charlo Borg v. Joseph Barbara et*** (mhix appellata)) jew, għall-anqas, jista' jiġi evitat (ara App. Civ. 14.1.1919 fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi v. Arcicovich et*** (Kollez. Vol: XXIV.i.172) u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fis-7 ta' Lulju, 2021 fl-ismijiet ***Darren Vella v. Ryan Sciberras***).

34. Fil-każ tagħna, ma jistax jingħad li l-konvenut ma setax ibassar x'seta' jiġri meta pprokura d-droga lil Adolf Farrugia.

35. Mod ieħor, biex jista' jingħad li l-parti mġarrba nnifisha taħti għall-ħsara li tkun ġratilha, jeħtieġ li jintwera li l-parti mġarrba minn għemil ta' ħaddieħor trid tkun għamlet xi ħaġa hija stess li bis-saħħa ta' dak l-għemil qatgħet ir-rabta bejn l-għemil oriġinali bħala l-kawża u d-dannu mġarrab bħala l-effett ta' dik il-kawża. Jista' jkun hemm din il-kontributorjetà wkoll fejn ir-rabta kawżali ma tinqatax għal kollox, imma tkun waħda li tagħti lok għal tnaqqis tal-effetti tar-responsabbiltà ewlenija. Biex jista' jingħad li kien hemm min-naħa tal-parti mġarrba kontributorjetà li xxejjen ir-responsabbiltà ta' min wettaq l-għemil dannuż, jeħtieġ jintwera li l-għemil tal-vittma kien wieħed maħsub u dipendenti fuq ir-rieda tagħha (ara Cass. 6.10.1972, nru. 2900 (**Giust. Civ. Massimario** 1972, fol 1615) u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fid-29 ta' Settembru, 2017

fl-ismijiet ***Leonard sive Leo Attard v. John Camilleri et nomine***).

36. Għalhekk din il-Qorti filwaqt li ma taqbilx li l-konvenut għandu jinħeles għalkollox mir-responsabbiltà ċivili tiegħu għal dak li seħħ, u filwaqt li m'hemmx appell mill-atturi li Farrugia kkontribwixxa għal dak li huwa 50% għall-mewt tiegħu, tqis li l-apporzjonament tar-responsabbiltajiet magħmula mill-Ewwel Qorti kien wieħed ġust fiċ-ċirkostanzi. Dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali hawn taħt imsemmi.

37. Illi għal dak li jirrigwarda d-difiża tal-kontributorjetà jgħodd l-**Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili**, li bis-saħħa tiegħu n-negliġenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mill-ħtija tad-danneġġant. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra (ara App. Ċiv. 20.1.1964 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Galdes v. Victor Micallef***), u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti (ara P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Bugeja v. Dennis Agius***). Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għalkollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara (ara P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech v. Rook Construction Ltd et***). Dan

kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu, 2024 fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Johnathon Abela nomine v. Maria Spiteri****)*.

38. Minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà fejn il-vittma tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu li tkorri jew li ġġarrab ħsara (ara, b'eżempju, App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et v. John Pisani et noe***). Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*. Illi kif ingħad f'ċirkostanzi oħrajn bħal dawn, *«Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself»* (***Froom v. Butcher*** CA QB 286 (1976) per Denning LJ) (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-27 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet ***Martin Costa v. Jonathan Bugeja***).

39. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju se jiġi miċħud.

40. Fit-**<u>tieni aggravju tiegħu</u>**, l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti warrbet il-provi ċirkostanzjali li tressqu f'dan il-każ u ċaħdet l-eċċezzjoni tiegħu għal dak li jirrigwarda r-responsabbiltajiet tal-attur Emanuel Farrugia u l-eċċezzjoni li l-istess attur ma ġarrab ebda dannu. Isostni li l-attur ma messu qatt fetaħ dawn il-proċeduri meta rriżulta li huwa nnifsu kien involut fit-traffikar tad-droga. Jirreferi għax-xhieda ta' Franklin Borg, li qal li Adolf Farrugia ġieli ħa l-kokaina mir-razzett ta' missieru. Jisħaq li din il-prova qatt ma ġiet kontradetta. Jissokta jgħid li mhux verosimili li d-droga li kkonsma dakinhar li miet Farrugia kienet dik li nxtrat filgħodu minnu u minn Busuttil, iżda għandu aktar mill-verosimili li kienet droga li Farrugia kellu fil-pussess tiegħu. Isemmi mbagħad l-inċident li fih huwa safa' vittma ta' sparatura u li l-attur ġie investigat dwaru. Isemmi wkoll li waħda mix-xhieda (inkwilina fuq il-garaxx li fih instab Adolf Farrugia mejjet) hija s-sieħba ta' wieħed mill-aktar traffikanti magħrufa f'pajjiżna u dan juri li hemm rabta bejn l-attur u d-dinja tad-droga.

41. Din il-Qorti mhux se taħli wisq ħin fuq dan l-aggravju li tqisu bħala fieragħ għall-aħħar u msejjes fuq assunzjonijiet mistħajla. Mingħajr ma tidħol fuq kwistjonijiet dwar jekk l-attur hux involut jew le fid-dinja tad-droga, anke għaliex mhux il-mertu tal-każ, u fuq min hi l-inkwilina ta' fuq

il-garaxx li fih instab mejjet Farrugia, jingħad li dan kollu huwa irrilevanti. Huwiex veru jew le dak allegat minnu, jibqa' l-fatt li dakinhar li miet Farrugia, kien il-konvenut li tah id-droga. Dak kollu li seta' ġara fil-ġranet jew fix-xhur jew fis-snin ta' qabel m'għandu l-ebda relevanza għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà ta' dak li seħħ u x'wassal għall-mewt ta' Farrugia.

42. Fl-aħħar nett, li jingħad mill-konvenut appellant li l-attur ma ġarrab ebda dannu għandu mill-inkredibbli. Kif qatt xi ħadd jista' jaċċetta li jmutlu wild b'inċident jew bħalma ġara f'dan il-każ jinqatel u jingħad li ma ġarrab ebda dannu?

43. Għalhekk dan l-aggravju se jiġi miċħud.

44. Imiss li jiġi mistħarreġ it-**tielet aggravju** tal-konvenut appellant, li permezz tiegħu jgħid li l-Ewwel Qorti ħaddmet ħażin il-liġi meta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa minnu b'riħet l-**Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili**. Jgħid li l-fatt li meta ttieħdet l-azzjoni kriminali din ma kinitx preskritta ma jfissirx li l-azzjoni ċivili ma kinitx preskritta meta tressqu l-proċeduri tal-lum. Jissokta jgħid li t-terminu preskrittiv għall-qtil involontarju fiż-żmien li seħħ ir-reat kien dak ta' sentejn. Jgħid li *dato ma non concesso,* li t-terminu preskrittiv telaq mid-data li Paul Busuttil mar għand il-Pulizija fis-6 ta' Jannar, 2005 u allura f'dak il-mument il-Pulizija

kellha t-tagħrif dwar l-identità tal-ħati, jirriżulta li l-atturi għamlu ittra uffiċjali għall-ewwel darba fl-10 ta' Novembru, 2006. Madankollu, l-aktar data importanti hija meta ressqu l-proċeduri tal-lum ċjoè fit-23 ta' Novembru, 2009. B'hekk l-appellant isostni li s-sentejn mill-aħħar interruzzjoni tal-preskrizzjoni kienu għaddew b'konsegwenza li l-azzjoni attriċi hija perenta.

45. Il-konvenut appellant jissokta jgħid li wieħed ma jistax jargumenta li t-teħid ta' proċeduri kriminali b'xi mod waqqaf il-preskrizzjoni għal dik li hija l-azzjoni ċivili. Jgħid ukoll li wieħed ma jistax ma jressaqx l-argument li l-**Artikolu 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili** jagħmel referenza għall-**Kodiċi Kriminali** għal dak li jirrigwarda l-komputazzjoni tat-terminu preskrittiv u mhux għal meta u kif titlaq il-preskrizzjoni jew kif tiġi sospiża jew interrotta.

46. Illi qabel ma' din il-Qorti tqis il-mertu ta' dan l-aggravju, ikun utli li tirreferi għas-sekwenza tal-fatti kif ġraw:

- Adolf Farrugia miet fit-22 ta' Awwissu, 1999
- Paul Busuttil irrilaxxja stqarrija fejn ta l-informazzjoni lill-Pulizija fit-8 ta' Jannar, 2005
- Il-konvenut irrilaxxja stqarrija fl-istess ġurnata.
- Il-konvenut tressaq il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2005 akkużat bl-omiċidju involontarju ta' Adolf Farrugia.

- Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-konvenut ħati u kkundannatu għal tliet snin priġunerija u multa ta' elfejn lira Maltin permezz tas-sentenza tat-23 ta' Ottubru, 2006.
- Il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza fis-6 ta' Mejju, 2009.
- L-atturi bagħtu ittra uffiċjali fl-10 ta' Novembru, 2006 li permezz tagħha sejħu lill-konvenut jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni.
- L-atturi fetħu l-kawża tal-lum fit-23 ta' Ottubru, 2009.

47. Illi l-**Artikolu 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi:

> *«Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.»*

48. Dan ifisser li wieħed neċessarjament irid jirreferi għall-artikoli tal-liġi relevanti fil-**Kodiċi Kriminali** sabiex jitqies x'kien il-perjodu preskrittiv applikabbli.

49. Tajjeb li f'dan l-istadju ssir referenza għal dak li ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2007 fl-ismijiet ***Emmanuele Degiorgio et v. Twanny Moon et:***

> *«F'kull każ, din il-Qorti ma taqbilx li r-regoli interruttivi tal-preskrizzjoni li jinsabu fil-**Kodiċi Kriminali** għandhom japplikaw ukoll għal proċess*

*ċivili. Meta l-**Artikolu 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili** jikkwalifika l-aġir doluż bħala reat għall-fini tal-preskrizzjoni, jagħmel dan limitatament biex jistabbilixxi ż-żmien tal-preskrizzjoni, però, ir-regoli għas-sospensjoni jew interruzzjoni ta' dak iż-żmien jibqgħu dawk kontemplati fil-**Kodiċi Ċivili**. Fil-fatt, l-**Artikolu 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili** jinsab fis-sub-titolu li jitratta "Fuq iż-Żmien meħtieġ għall-Preskrizzjoni", u r-regoli li jissospendu jew li jiksru l-preskrizzjoni jinsabu enunċjati fl-artikoli preċedenti. Dawn l-artikoli ma jikkontemplawx interruzzjoni b'riżultat tal-proċess penali, iżda jipprovdu regoli preċiżi u appożiti, u anke b'mod esklussiv, ta' xi jwassal għall-interuzzjoni (ara bħala rifless fuq dan, id-deċiżjoni ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawża **Psaila v. Slabick**, deċiża fid-9 ta' Frar 2005, u **Aquilina noe v. Ellul**, deċiża mill-indikata Qorti fis-16 ta' Ġunju, 1994).»*

50. Imbagħad il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***John Cordina et v. Pirella Supermarkets Limited et*** mogħtija fit-28 ta' Frar, 2020, wara li l-appellanti rreferew għal sentenzi mogħtija mill-qrati kriminali dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, tenniet:

*«L-imsemmija provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali m'għandhomx japplikaw fil-qasam tal-bidu tal-preskrizzjoni, tal-interruzzjoni jew tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni, ladarba d-dispożizzjonijiet fil-**Kodiċi Ċivili** speċifikatament jindirizzaw dawn l-oqsma. Għalhekk m'għandux japplika l-**artikolu 691(1) tal-Kodiċi Kriminali** ċitat mill-atturi appellanti, dwar il-bidu tal-preskrizzjoni għall-fini ta' din il-kawża, iżda l-**artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi li l-preskrizzjoni tal-azzjoni tibda minn dik il-ġurnata li l-azzjoni tkun tista' tiġi eżerċitata.»*

51. Għal dawk li huma l-proċeduri tal-lum, dak li huwa relevanti hija l-imputazzjoni mressqa fil-konfront tal-konvenut mill-Pulizija eżekuttiva ta' omiċidju involontarju. B'hekk din il-Qorti jeħtiġilha tħares lejn l-**Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali** li matul iż-żminijiet kien emendat għal dik li hija piena.

52. Skont ir-regoli tal-proċeduri kriminali jeħtieġ li wieħed iħares lejn il-

piena kif kienet meta seħħ ir-reat. Jekk il-piena tkun inbidlet wara li jkun twettaq ir-reat u din tkun aktar favorevoli għall-imputat allura tiġi applikata l-piena hekk kif emendata. Jekk min-naħa l-oħra l-piena tkun aktar iebsa minn dik li kienet fis-seħħ meta jitwettaq ir-reat, titħaddem il-piena ta' meta twettaq ir-reat.

53. Jirriżulta li f'Awwissu tas-sena 1999, il-piena għal min jinstab ħati ta' omiċidju involontarju kienet ta' *«mhux iżjed minn sentejn jew multa mhux iżjed minn elfejn lira.»*

54. Biex jiġi determinat il-perjodu preskrittiv imbagħad irridu nħarsu lejn l-**Artikolu 688(d)** u **(e) tal-Kodiċi Kriminali**.

> *«688. Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –*
>
> *((d) bl-għeluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;*
> *(e) bl-għeluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;»*

55. Hemm artikolu ieħor, l-**Artikolu 689 tal-Kodiċi Kriminali** li jipprovdi:

> *«Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva.»*

56. Jiġi b'hekk li għal dan il-każ il-perjodu preskrittiv mhux ta' sentejn kif qiegħed isostni l-konvenut appellant, iżda huwa ta' ħames snin. Fl-aħħar mill-aħħar il-piena kienet ta' priġunerija ta' sentejn jew multa. Għall-iskop ta' preskrizzjoni ma jitqiesx x'piena jkun ingħata l-ħati iżda liema piena tista' tiġi imposta fuqu. M'hemmx il-ħtieġa li wieħed joqgħod jistenna li tingħata s-sentenza biex ikun magħruf il-piena erogata. Ladarba f'dan il-każ il-liġi kienet tipprospetta kemm piena karċerarja u/jew multa, allura t-terminu preskrittiv irid jitqies skont l-ogħla piena li tista' tingħata. L-eżami jrid ikun wieħed oġġettiv. Mod ieħor ikun ifisser li għall-istess reat addebitat daqqa jitħaddem terminu preskrittiv mod u daqqa ieħor. Bla ebda dubju dan ma jagħmel ebda sens loġiku u legali għaliex imur kontra l-jedd taċ-ċertezza tad-dritt.

57. Din il-fehma hija msaħħa minn dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tat-13 ta' Novembru, 2012 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Carmelo Pulis*** li:

> *«Issir referenza wkoll għal dak li qal il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-noti tiegħu fuq il-proċedura kriminali, u ċjoè li "the punishment to which regard is had is that prescribed by the law in the abstract and not to that actually incurred by the offender", u "having also regard to the various circumstances, except relapse, which according to law may aggravate the punishment" [2]. Fil-każ in eżami, mela, il-parametri tal-piena applikabbli – bħal fil-każ Il-Pulizija v. Carmel Vella ċitat fil-paragrafu preċedenti – huma minn minimu ta' tliet snin sa massimu ta' sitt snin li, biż-żieda kontemplata fl-artikolu 18 tal-Kap. 9 u bl-applikazzjoni tal-artikolu 31(1)(b)(vi)(iv)(iii) tal-istess Kap. 9, tista' titla' għal minimu ta' ħames snin u massimu ta' tnax-il sena. B'hekk il-parametri tal-piena f'dan il-każ huma minn tliet snin sa tnax-il sena. Dan ifisser illi l-perijodu preskrittiv fil-każ odjern huwa ta' ħmistax-il sena skont*

[2] *Notes on Criminal Procedure, p. 35*.

*l-artikolu 688(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.»*

58. Minn dan it-tagħlim ġurisprudenzjali huwa ovvju li l-Qorti qieset it-terminu preskrittiv b'referenza għall-ogħla piena li setgħet tingħata u mhux kif qiegħed jippretendi l-konvenut appellant.

59. Illi f'dan il-każ irriżulta li l-atturi ma setgħux jeżerċitaw azzjoni ċivili kontra l-konvenut qabel mal-pulizija bdiet il-proċeduri kriminali kontra l-konvenut appellant. Kien biss bit-tnedija tal-proċeduri kriminali, li l-atturi kellhom għarfien li l-konvenut seta' kellu x'jaqsam mal-mewt ta' binhom.

60. Jiġi b'hekk, li meta ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali t-terminu preskrittiv kien għadu għaddej u l-istess meta ġiet ippreżentata l-azzjoni tal-lum.

61. Għaldaqstant anke dan l-aggravju se jiġi miċħud.

62. Ngħaddu issa għall-**<u>aħħar aggravju</u>** mressaq mill-konvenut appellant li huwa dwar il-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-Ewwel Qorti. L-appellant jgħid li l-eżerċizzju tal-kalkolu tad-dannu magħmul ħa aktar bixra ta' eżerċizzju ta' kalkolu ta' piena ulterjuri għalih milli eżerċizzju legali ta' kalkolazzjoni tad-dannu mġarrab mill-atturi u dan meta huwa diġà skonta s-sentenza tiegħu.

63. L-appellant jirreferi għas-sottomissjonijiet tiegħu fl-ewwel żewġ aggravji u jkompli li: (i) hemm qbil li r-rata ta' diżabbiltà hija ta' 100% ladarba hemm mewt; (ii) dwar l-introjtu ma tressqitx l-aqwa prova u dan billi fil-proċess hemm biss dikjarazzjoni tal-atturi li binhom kien jaqla' Lm100 fil-ġimgħa; (iii) li l-Ewwel Qorti warrbet it-tagħlim ġurisprudenzjali għal dak li huwa *multiplier,* u barra minn hekk kellu wkoll jittieħed kont tal-fatt li Adolf Farrugia kellu l-vizzju tad-droga; (iv) li ma sar l-ebda tnaqqis għal konsum personali; (v) li l-kontributorjetà għall-mewt ma kinitx ta' 50% imma ta' 100%; u (vi) li l-Ewwel Qorti ma naqqsitx għal-*lump sum payment* għaliex dehrilha li huwa ressaq eċċezzjonijiet frivoli.

64. Illi jibda billi jingħad li din il-Qorti diġà ċaħdet l-ewwel żewġ aggravji u allura m'hemmx aktar x'jingħad dwar dan. L-istess jingħad fuq il-kontributorjetà tal-mejjet għal dak li seħħ. Mill-bqija din il-Qorti tqis li l-konvenut appellant għandu raġun fuq parti mill-ilmenti tiegħu għal dak li huwa kalkolazzjoni tad-danni, iżda m'għandux raġun dwar il-kumment superfluwu li l-Ewwel Qorti wettqet eżerċizzju ta' piena oħra fuqu.

65. Ibda biex, is-sejbien ta' responsabbiltà għad-danni ma jfissirx li kull pretensjoni tad-danneġġat għandha tintlaqa' bħala fatt. Il-liġi trid li min ikun responsabbli għad-danni għandu jħallas it-telf imġarrab mid-danneġġat u dan bħala riżultat ta' dak l-inċident jew ħsara lilu magħmula.

Madankollu l-attur jibqa' mgħobbi bl-obbligu li jressaq il-prova meħtieġa skont il-liġi, jiġifieri l-aħjar prova (ara **Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u s-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu, 2024 fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Johnathon Abela nomine v. Maria Spiteri***).

66. Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-atturi, jibda biex jingħad li l-liġi tipprovdi (**Artikoli 1045** u **1046 tal-Kodiċi Ċivili**) li l-ħsara li l-persuna misjuba responsabbli għal inċident trid twieġeb għaliha hija dik tat-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġab direttament lill-parti mġarrba, l-ispejjeż li l-parti mġarrba kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew ta' qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem. Fejn il-parti mġarrba titlef ħajjitha fi jew minħabba dak l-għemil, il-liġi tagħti lill-werrieta dawk id-danni msemmija flimkien mat-telf u l-ispejjeż attwali ikkaġunati (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Ġunju, 2020 fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri et v. Raymond Camilleri***).

67. Illi fil-każ tagħna, l-atturi qegħdin jidhru fil-kwalità tagħhom ta' werrieta ta' binhom. Hekk kif ġie mfisser fis-sentenza msemmija fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri et v. Raymond Camilleri***, li l-parti l-kbira tal-kwistjoni tistrieħ ħafna fuq il-bażi ġuridika li dwarha jingħata l-kumpens meta l-parti attriċi ma tkunx il-persuna li kellha x'taqsam mal-inċident, imma tkun qarib

ta' persuna li mietet f'dak l-inċident. Il-liġi tagħna fl-**Artikolu 1046** tgħid ċar li l-ħlas ta' kumpens huwa dovut lill-werrieta tal-persuna l-mejta u mhux lid-dipendenti, imma, fl-istess waqt, tqabbel l-ammont ta' kumpens ma' dak li jiġi likwidat fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem skont ma jipprovdi l-**Artikolu 1045**.

68. Dik il-Qorti kompliet li l-Qrati tagħna dejjem fissru li, f'każ ta' inċident li fih il-vittma tmut, il-kumpens ma jingħatax lid-dipendenti tiegħu imma lill-werrieta, u qalu wkoll li, fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, m'hemm stabbiliti l-ebda regoli fissi li fuqhom il-Qorti tista' ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha. Jeħtieġ jitħarsu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolari u, għalkemm il-Qorti m'għandhiex tirrifjuta li tikkalkola l-kumpens minħabba l-element ta' imprevedibilità, għandha tqis b'moderazzjoni l-ammont ta' kumpens minħabba l-element għoli ta' konġettura li jdur mal-aspett ta' x'jista' jseħħ fil-ġejjieni (App. Ċiv. 22.6.1964 fil-kawża fl-ismijiet ***Ronald Petrie et v. Sebastiano Ciappara*** (Kollez. Vol: XLVIII.i.364)).

69. Illi fi żvilupp ta' dawn l-aħħar snin, din il-Qorti, b'tifsira iżjed aġġornata ta' dak li jgħid l-**Artikolu 1046**, qieset li meta f'każ ta' mewt, l-atturi qraba tal-vittma jfittxu għall-kumpens tal-ħsara mġarrba bħala werrieta, jkunu qegħdin jagħmlu dan għaliex daħlu fil-libsa legali tal-vittma minħabba ċ-ċirkostanza ta' mewtha, u mhux fuq bażi ta' dipendenza u

għalhekk jistħoqqilhom jippretendu li jirċievu dak li kien ikun jistħoqq lill-qarib tagħhom, kif tgħid il-liġi nnifisha, kieku f'dak l-inċident ma mietx imma ġarrab ġrieħi li jkunu ħallewh għalkollox inkapaċi (P.A. GCD 17.2.1998 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Turner et v. Francis Aġius et*** (mibdula b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili fit-28.11.2003); u P.A. RCP 29.5.2002 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmela Attard et v. Stephen Micallef***, fost oħrajn). Illi, b'danakollu, jidher li l-bażi vera tal-jedd tal-azzjoni mogħtija lill-werrieta tal-vittma l-mejta m'huwiex jedd mogħti *iure haereditatis*, iżda jedd speċifiku mogħti mil-liġi lilhom (P.A. TM 28.5.2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Laura Formosa et v. Emanten Spiteri et*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-28.11.2008 fl-aspett tal-likwidazzjoni)), u mhux minħabba trasmissjoni *ope successionis* (P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Galea et v. Silvio Piscopo*** (mhix appellata)).

70. Miżmum dan, m'hemmx dubju li l-konvenut appellant għandu jwieġeb għal għemilu anke ċivilment u kif instab, billi għandu jġorr 50% tar-responsabbiltà għall-mewt ta' Adolf Farrugia.

71. L-appellant jilmenta dwar il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti għaddiet biex tikkalkula d-danni li huwa għandu jħallas. Fil-fatt din il-Qorti tqis li l-appellant għandu raġun kemm: (i) għall-ammont iffissat mill-Ewwel Qorti bħala dħul ta' Adolf Farrugia; (ii) għall-*multiplier*; u (iii) għall-fatt li ma tnaqqas l-ebda ammont għall-konsum personali.

72. Illi meta l-Ewwel Qorti ġiet biex tiffissa l-ammont ta' dħul li Adolf Farrugia kellu fiż-żmien ta' mewtu, jidher li straħet fuq id-dikjarazzjoni li saret mill-atturi li l-attur kien iħallsu Lm100 fil-ġimgħa. Biss però ma tressqet ebda prova fattwali dwar dan ħlief għal xi dokumentazzjoni ta' ħlas lid-Dipartiment tat-Taxxi li sar mill-attur għal snin ta' qabel is-sena 1999 u li jgħid li kienu jirreferu għal ibnu. Din il-Qorti, fuq bażi ta' probabbiltajiet, tqis li l-ammont li l-Ewwel Qorti aċċettat bħala l-paga tal-mejjet fis-sena 1999 huwa xi ftit jew wisq esaġerat meta qegħdin nitkellmu fuq ġuvni ta' 21 sena li ma jirriżultax li kellu xi sengħa partikolari jew xi professjoni fil-bidu tagħha jew xi impjieg partikolari. Jingħad mill-atturi li kien jaħdem ma' missieru mingħajr wisq dettalji ta' liema xogħol suppost kien jagħmel miegħu.

73. Dan iżda m'għandux iwassal lil din il-Qorti li ma tillikwida l-ebda ammont. Minflok se tħares lejn il-**Leġislazzjoni Sussidjarja 452.71 – Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali** minn fejn jirriżulta li fis-sena 1999, il-paga minima għal persuna ta' 'l fuq minn 18-il sena kienet ta' €110.37 fil-ġimgħa. Għaldaqstant dan iwassal għall-ammont ta' €5,739.24 fis-sena. Meqjus il-fatt li huwa mistenni li l-paga kienet se tiżdied aktar minn hekk, se jsir aġġustament ta' 25% sabiex jogħla d-dħul gross ta' Adolf Farrugia li jwassal għal total ta' €7,174.05 fis-sena. Din il-Qorti waslet għal dan il-persentaġġ billi qieset il-paga minima fis-sena

1999 u l-paga minima tal-lum ċjoè l-ammont ta' €181.08 u kkalkulat medja mid-differenza bejn iż-żewġ ammonti.

74. Ngħaddu issa għall-kwistjoni tal-*multiplier* li għandu jitħaddem f'dan il-każ. L-Ewwel Qorti użat *multiplier* ta' 40.

75. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited*** maqtugħa fis-16 ta' Diċembru, 2019, għalkemm fil-kejl tal-*multiplier* għandu jittieħed qies tal-età tad-danneġġjat fil-mument li seħħ l-inċident, normalment f'każijiet bħal dawn, m'għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident, għaliex il-*multiplier* irid jinkorpora ġo fih dak l-element ta' *«chances and changes of life or vicissitudes of life.»*

76. Il-kunċett ta' *«chances and changes of life»*, ġie mdaħħal biex jiġġustifika tnaqqis fil-komputazzjoni tad-danni minħabba li ħadd ma jaf il-futur, u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod ieħor. Kien għalhekk li l-*working life expectancy* ħafna drabi ma tiġix meqjusa kollha fil-kalkolu tal-*multiplier* (ara ***Francis Gauci v. Jimmy Bugeja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 2009).

77. Hekk kif ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et*** mogħtija fl-24 ta' Ġunju, 2016,

mhux il-każ li wieħed iħaddem il-kriterju tal-*multiplier* bħallikieku hemm xi ċertezza dwar għexieren ta' snin futuri, għax dan huwa qasam fejn għandha treġi l-moderazzjoni bejn il-jeddijiet tal-parti mġarrba u l-obbligi tal-parti li tkun ħolqot il-ħsara (ara ***Rosaria Pintley nomine v. Noel Sciortino et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019 u ***Trevor Grech v. Lawrence Agius*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023).

78. Jekk induru għall-każ tagħna, l-aspett taċ-*changes and chances of life* għandu jitqies fil-qafas ta' dak li rriżulta mill-provi. Għalkemm l-atturi ma jammettux fix-xhieda tagħhom li kienu jafu li binhom kien jabbuża mid-droga, jirriżulta mill-provi li Adolf Farrugia kellu l-vizzju tad-droga sa minn qabel dak li seħħ. Dan il-fatt ma jistax jitwarrab. Huwa minnu li jista' jkun li persuna tirrijabilita ruħha mill-vizzju, u tibda tgħix ħajja mingħajr il-vizzju u li anke ssib impjieg. Biss però huwa minnu wkoll li t-triq ta' rijabilitazzjoni, b'sogħba, hija diffiċli u mimlija xkiel għalkemm mhux impossibbli b'ħafna rieda tajba u sostenn minn persuni u organizzazzjonijiet imwaqqfa għal dan il-għan. Jibqa' l-fatt li fil-każ tagħna ma rriżultax mill-provi li Adolf Farrugia kien fi ħsiebu jibda t-triq ta' rijabilitazzjoni.

79. Għaldaqstant ikun għaqli u ġust li din il-Qorti tħaddan mill-ġdid dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza mogħtija fl-1 ta' April, 2014

fl-ismijiet ***Vincent Chetcuti v. Direttur Ġenerali tal-Ħabs et*** li:

> *«Dwar il-figura tal-multiplier, din il-Qorti tara illi fil-waqt li l-ewwel Qorti apprezzat li wieħed għandu jagħti każ taċ-"changes and chances of life", dehrilha li kellha tadotta figura ta' 35 għad-detenut li kellu 25 sena meta miet u b'hekk qieset li kien se jibqa' jkun f'kundizzjoni li jaħdem sal-età tal-irtirar. L-ewwel Qorti qalet li d-de cuius, b'kura medika adegwata seta' jirkupra għall-ħajja normali eżenti minn dak l-abbuż. Dan hu possibbli għalkemm ipotetiku, iżda l-fatt hu li Carlos Chetcuti kellu storja ta' abbuż mid-droga, u meta persuna jkollha tali storja, huwa meqjus diffiċli li tgħix u tista' taħdem għan-numru twil ta' snin. Ovvjament, kollox hu possibbli, però, meta tqis li hawn ninsabu fil-każ ta' proġettazzjoni għall-futur, id-dipendenza fuq id-droga li kellu d-detenut għandha twassal għall-qies ta' probabbiltà li ma jwassalx sal-età ta' sittin sena. Dan Chetcuti, qabel ma ġie Malta, kien jgħix l-Ingilterra u kien jabbuża regolarment mid-droga u kien anke skonta sentenza ta' priġunerija f'dak il-pajjiż. L-istat ta' saħħa tal-vittma hija materja li għandha tittieħed in konsiderazzjoni fil-kalkulazzjoni tal-multiplier, u, allura, din il-Qorti tara li għandha tadotta figura ta' 25, li jidhrilha hija figura aktar ġusta meħud konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.»*

80. Tqis għalhekk li meħud inkonsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha, *multiplier* ta' 30 sena huwa ferm aktar xieraq milli 40 kif imħaddem mill-Ewwel Qorti.

81. Illi l-appellant jilmenta wkoll għall-fatt li l-Ewwel Qorti ma naqqset xejn għal konsum personali.

82. Din il-Qorti tqis li kienu diversi s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell li mxew fuq l-eżempju tas-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Turner et v. Francis Agius et*** deċiża fit-28 ta' Novembru, 2003 (ara fost l-oħrajn ***Francesco Sultana et v. Francis Xavier Grech et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Lulju, 2007, ***Lara Formosa et v. Emanten Spiteri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru, 2018 u ***Crocifissa sive Christine Abela***

***v. Valletta Gateway Terminal Limited et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2022). Ir-raġunament wara dawn is-sentenzi huwa li jekk il-vittma kien sejjer ikollha s-somma likwidata mill-Qorti f'idejha, parti minn din is-somma żgur kienet sejra tiġi minfuqa għall-ħtiġijiet personali tagħha, u għalhekk ikun xieraq u realistiku li wieħed inaqqas 25% mis-somma likwidata mill-Qorti minħabba l-konsum personali tal-vittma (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' April, 2024 fl-ismijiet ***Roberta Cassar proprio et nomine v. Polidano Brothers Limited***).

83. Din il-Qorti taqbel ma' dan it-tagħlim ġurisprudenzjali u għalhekk se jkun hemm tnaqqis ta' 25% għall-konsum personali.

84. Għal dik li hija *lump sum reduction*, din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li s-soltu jkun hemm tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-fatt li jkun ser isir ħlas f'daqqa, madankollu huwa miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-perċentwal ta' għoxrin fil-mija jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum biex tiġi deċiża (ara ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022, ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, ***Camille Borg Canalis v. Joseph Borg*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008 u ***Emanuel Galea v. Pierre Scicluna*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2007).

85. Għalkemm il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet taqbel f'dan ir-rigward, jidher li l-parti l-kbira tas-sentenzi jmilu lejn il-pożizzjoni li t-tnaqqis minħabba l-*lump sum payment* għandu jibda jiġi maħdum minn meta tiġi mressqa l-kawża u mhux minn meta jiġri l-inċident (ara ***Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022, ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021, ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020, ***Anna Sammut et v. Sammy Meilaq nomine et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005 u ***Annunzjata Caruana v. Odette Camilleri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004).

86. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara ***Richard Attard et v. Road Construction Co. Ltd et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, ***Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021, ***L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs. Angelo Xuereb nomine et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Frar, 2009 u ***Lawrence Caruana v. Anthony Falzon*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001).

87. Billi din il-kawża tressqet fis-sena 2009 u jiġi b'hekk li ilha aktar minn għaxar snin, din il-Qorti tqis li m'għandu jkun hemm ebda tnaqqis.

88. Meqjus dan kollu, il-Qorti sejra taħdem l-ammont ta' danni mġarrba mill-atturi billi timmultiplika l-paga ta' €7,174.05 bi 30 sena. Dan iwassal għal total ta' €215,221.50. Fuq din is-somma qiegħed jiġi applikat tnaqqis ta' 50% minħabba n-negliġenza kontributorja tal-mejjet. Dan iwassal għal total ta' €107,610.75. Fuq din is-somma qiegħed jiġi applikat tnaqqis ta' terz minħabba l-grad ta' dipendenza[3] li jwassal għal total ta' €71,740.50. Fuq din is-somma qiegħed jiġi applikat tnaqqis ta' 25% għall-konsum personali li jwassal għas-somma finali ta' €53,805.38.

89. Jiġi b'hekk li din il-Qorti se tilqa' f'parti minnu dan l-aħħar aggravju.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** f'parti minnu l-appell ta' Mario Magri u b'hekk qiegħda tbiddel is-sentenza appellata billi tnaqqas l-ammont ta' danni li huwa għandu jħallas lill-atturi minn mija u sittin elf ewro (€160,000.00) għal wieħed ta' tlieta u ħamsin elf, tmien mija u ħames ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€53,805.38). L-imgħax fuq din is-somma ta' tlieta u ħamsin elf, tmien mija u ħames ewro

[3] Li ma sarx appell dwaru.

u tmienja u tletin ċenteżmu (€53,805.38) għandu jibda miexi mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

L-ispejjeż marbuta mas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ġunju, 2020, għandhom jibqgħu kif deċiżi f'dik is-sentenza, filwaqt li l-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu f'sehem ta' tlieta minn erbgħa (3/4) mill-konvenut u f'sehem ta' wieħed minn erbgħa (1/4) mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss